SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

21 ta' Novembru 2019 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Disinni – Regolament (KE) Nru 6/2002 – Artikolu 90(1) – Miżuri provviżorji jew kawtelatorji – Ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali tal-ewwel istanza – Ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati nnominati f'din id-dispożizzjoni"

Fil-Kawża C-678/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Novembru 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Novembru 2018, fil-proċedura

Procureur-Generaal bij de Hoge Raad der Nederlanden

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras (Relatur), President tal-Awla, S. Rodin, D. Šváby, K. Jürimäe u N. Piçarra, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Procureur-Generaal bij de Hoge Raad der Nederlanden, minn R. van Peursem, bħala aġent,

– għall-Gvern Olandiż, minn C.S. Schillemans u M. Bulterman, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn É. Gippini Fournier u A. Nijenhuis, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2019,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 90(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' appell fil-kassazzjoni fl-interess tal-liġi ppreżentat mill-Procureur-Generaal bij de Hoge Raad der Nederlanden (il-Prokuratur Ġenerali fi ħdan il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem il-"Prokuratur Ġenerali") kontra sentenza ta' qorti għal miżuri provviżorji tar-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), mogħtija fit-12 ta' Jannar 2017, dwar id-determinazzjoni tal-qrati kompetenti sabiex jordnaw miżuri provviżorji u kawtelatorji fil-qasam tad-disinni Komunitarji.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 It-Titolu IX tar-Regolament Nru 6/2002, intitolat "Il-ġurisdizzjoni u l-proċedura legali fil-kawżi li jkollhom x'jaqsmu mad-disinji Komunitarji", jinkludi t-Taqsima 2, hija stess intitolata "Kontroversji li jinteressaw il-ksur tal-liġi u l-validità tad-disinji Komunitarji", li hija magħmula mill-Artikoli 80 sa 92 ta' dan ir-regolament.

4 L-Artikolu 80 tar-Regolament Nru 6/2002, intitolat "Qrati tad-disinji Komunitarji", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membi għandhom jinnominaw fit-territorju tagħhom numru limitat kemm jista' jkun ta' qrati u tribunali nazzjonali ta' l-ewwel u t-tieni istanza (qrati tad-disinji Komunitarji) li għandhom iwettqu l-funzjonijiet assenjati lilhom b'dan ir-Regolament."

5 L-Artikolu 81 ta' dan ir-regolament, intitolat "Ġurisdizzjoni dwar il-ksur tal-liġi u l-validità", jipprovdi:

"Il-qrati tad-disinji Komunitarji għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni esklużiva rigward:

a) il-kawżi ta' kontravenzjoni u – jekk permessi bil-liġijiet nazzjonali – rigward kontravenzjoni mhedda tad-disinji Komunitarji;

b) il-kawżi dwar id-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kontravenzjoni tad-disinji Komunitarji, jew permessi bil-liġijiet nazzjonali;

c) il-kawżi dwar dikjarazzjoni ta' l-invalidità ta' disinn Komunitarju mhux irreġistrat;

d) il-kontrotalbiet għal dikjarazzjoni ta' l-invalidità ta' disinn Komunitarju mqajma f'konnessjoni mal-kawżi taħt (a)."

6 L-Artikolu 90 tal-imsemmi regolament, intitolat "Miżuri proviżorji, inklużi l-miżuri protettivi [kawtelatorji]", huwa fformulat kif ġej:

"1. Tista' ssir applikazzjoni lill-qrati ta' Stat Membru, inklużi l-qrati tad-disinji Komunitarji, għal dawk il-miżuri proviżorji, inklużi l-miżuri protettivi, dwar kif jista' jkun disponibbli disinn Komunitarju skond il-liġijiet ta' dan l-Istat rigward id-drittijiet ta' disinn nazzjonali saħansitra jekk, taħt dan ir-Regolament, qorti tad-disinji Komunitarji ta' Stat Membru ieħor ikollu l-ġurisdizzjoni dwar is-sustanza tal-materja.

[…]

3. Qorti tad-disinji Komuntarji li l-ġurisdizzjoni tagħha tkun imsejsa fuq l-Artikolu 82(1), (2), (3) jew (4) għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tikkonċedi miżuri proviżorji, inklużi miżuri protettivi, li, bla ħsara għal kull proċedura għar-rikonoxximent u l-infurzar skond it-Titolu III tal-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Infurzar, ikunu jistgħu jiġu applikati fit-territorju ta' kull Stat Membru. L-ebda qorti oħra ma għandu jkollha din il-ġurisdizzjoni."

Id-dritt Olandiż

7 L-Artikolu 3 tal-wet tot uitvoering van de verordening van de Raad van de Europese Unie betreffende Gemeenschapsmodellen houdende aanwijzing van de rechtbank voor het Gemeenschapsmodel (Uitvoeringswet EG-verordening betreffende Gemeenschapsmodellen) (il-Liġi dwar l-Implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar id-Disinni Komunitarji u li Tinnomina l-Qorti li Għandha l-Ġurisdizzjoni Sabiex Tieħu Konjizzjoni tal-Kawżi Relatati mad-Disinni Komunitarji), tal-4 ta' Novembru 2004 (Stb. 2004, Nru 573, iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-4 ta' Novembru 2004") jipprovdi:

"Sabiex tittieħed konjizzjoni fl-ewwel istanza tal-azzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 81 tar-Regolament [Nru 6/2002], għandhom ġurisdizzjoni esklużiva r-rechtbank Den Haag [il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag] u, fi proċeduri kawtelatorji, l-imħallef għal miżuri provviżorji ta' din il-qorti distrettwali".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

8 Spin Master Ltd hija impriża stabbilita f'Toronto (il-Kanada), li teżerċita l-attività tagħha fis-settur tal-ġugarelli. Hija tbigħ, taħt it-trade mark Bunchems, ġugarell magħmul minn blalen żgħar tal-plastik li jeħlu ma' xulxin, li jiġu fi tmien kuluri. Dawn il-blalen jippermettu li jinħoloq kull tip ta' forom u figuri.

9 Fis-16 ta' Jannar 2015, Spin Master irreġistrat f'isimha, taħt in-numru 002614669-0002, disinn Komunitarju għal dan il-ġugarell.

10 High5 Products BV hija kumpannija stabbilita f'Waalwijk (il-Pajjiżi l-Baxxi) li tbigħ, taħt l-isem "Linkeez" ġugarell magħmul minn blalen żgħar tal-plastik li jeħlu ma' xulxin li wkoll jiġu fi tmien kuluri.

11 Permezz ta' ittra tat-18 ta' Novembru 2016, Spin Master intimat lil High5 Products twaqqaf il-kontrafazzjoni tad-disinn Komunitarju msemmi iktar 'il fuq.

12 Peress li High5 Products ma weġbitx għal din l-intimazzjoni, Spin Master ressqet talba għal miżuri provviżorji quddiem il-qorti għal miżuri provviżorji tar-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Ditrettwali ta' Amsterdam) sabiex jiġi pprojbit il-bejgħ tal-ġugarell ikkummerċjalizzat minn High5 Products.

13 Peress li tqajmet eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza fil-konfronti tagħha, il-qorti għal miżuri provviżorji tar-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam) ikkunsidrat f'sentenza tat-12 ta' Jannar 2017, li kienet kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar l-azzjoni għal miżuri provviżorji li kienet ġiet adita biha. F'dan ir-rigward, hija bbażat ruħha fuq il-fatt li, minn naħa, id-dritt Olandiż jagħtiha kompetenza sabiex tiddeċiedi dwar talba tal-istess natura bbażata fuq disinn Benelux u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3 tal-Liġi tal-4 ta' Novembru 2004 ma jfissirx li ma għandhiex kompetenza fil-kuntest ta' proċedura għal miżuri provviżorji li twassal għall-introduzzjoni ta' talba għal projbizzjoni llimitata għat-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi, bħal din li hija adita biha.

14 Fil-31 ta' Awwissu 2018, il-Prokuratur Ġenerali ppreżenta, kontra din is-sentenza, appell fil-kassazzjoni fl-interess tal-liġi quddiem il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), minħabba li, skont dan, il-qorti għal miżuri provviżorji tar-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi), bħala qorti nnominata fl-Artikolu 80(1) tar-Regolament Nru 6/2002, għandha kompetenza esklużiva fil-qasam tat-trade marks Komunitarji, inkluż fir-rigward tal-miżuri provviżorji u kawtelatorji.

15 Il-qorti tar-rinviju tesponi li l-kwistjoni li qamet quddiemha hija dik dwar jekk l-Artikolu 90(1) tar-Regolament Nru 6/2002 jipprekludix li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprovdi li l-kompetenza esklużiva tal-qrati nnominati fl-Artikolu 80(1) ta' dan ir-regolament hija valida għall-miżuri provviżorji u kawtelatorji, fis-sens tal-Artikolu 90(1).

16 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza l-fatt li, permezz tal-adozzjoni tal-Artikolu 3 tal-Liġi tal-4 ta' Novembru 2004, il-leġiżlatur Olandiż fittex li japprofitta mill-ispeċjalizzazzjoni speċifika fil-qasam tal-proprjetà intellettwali tar-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag) u tal-Gerechtshof Den Haag (il-Qorti tal-Appell ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi). Hija tosserva li l-kwistjoni tal-kompetenza esklużiva tal-qrati msemmija fl-Artikolu 80(1) tar-Regolament Nru 6/2002 għall-miżuri provviżorji u kawtelatorji wasslet għal evalwazzjonijiet diverġenti fil-ġurisprudenza u fid-duttrina, inkluż fi Stati oħrajn minbarra fir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

17 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-interpretazzjoni li jaqbel li tingħata tal-Artikolu 90(1) tar-Regolament Nru 6/2002. Skont l-ewwel interpretazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni b'hekk stabbilixxa eċċezzjoni obbligatorja għall-volontà, espressa b'mod differenti f'dan ir-regolament, li tiġi stimulata l-ispeċjalizzazzjoni tal-qrati, fejn l-Istati Membri ma humiex liberi li jattribwixxu lill-qrati tad-disinni Komunitarji l-kompetenza esklużiva li jiddeċiedu t-talbiet kollha għal miżuri provviżjorji u kawtelatorji fil-qasam tad-disinni. Skont it-tieni interpretazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni b'hekk ried unikament jawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, li l-kompetenza sabiex jiddeċiedu dan it-tip ta' talbiet hija wkoll mogħtija lil qrati oħra kompetenti sabiex jieħdu tali miżuri fil-kwistjonijiet relatati mad-disinni nazzjonali.

18 Hija tipprevedi wkoll li, sa fejn l-Artikolu 81 tar-Regolament Nru 6/2002 jistabbilixxi b'mod obbligatorju l-kompetenza interna tal-qrati tad-disinni Komunitarji għat-talbiet li jirreferi għalihom dan l-artikolu, l-Artikolu 90 japplika biss għall-miżuri provviżorji u kawtelatorji ta' natura oħra.

19 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li annullament ta' deċiżjoni wara appell fl-interess tal-liġi ppreżentat mill-Prokuratur Ġenerali ma għandux influwenza fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-partijiet ikkonċernati minn din is-sentenza, peress li l-kwistjonijiet jirrigwardaw biss, f'dan il-każ, punt ta' liġi mqajjem f'diversi kawżi u li huwa s-suġġett ta' evalwazzjonijiet differenti.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 90(1) tar-Regolament […] Nru 6/2002 […], għandu jiġi interpretat fis-sens li jattribwixxi b'mod imperattiv, lill-qrati kollha ta' Stat Membru li jissemmew fih, il-kompetenza li jordnaw miżuri provviżorji jew kawtelatorji, jew iħalli lill-Istati Membri – totalment jew parzjalment – ħielsa li jattribwixxu l-kompetenza li jiġu ordnati tali miżuri esklużivament lill-qrati maħtura bħala qrati (tal-ewwel jew tat-tieni istanza) tad-disinni Komunitarji konformement mal-Artikolu 80(1) tal-imsemmi Regolament?"

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

21 Skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, il-preżentata ta' appell fil-kassazzjoni fl-interess tal-liġi jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Prokuratur Ġenerali u hija intiża għall-annullament ta' deċiżjoni ġuridika wara li l-mezzi ta' rikors ordinarji għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikunu skadew. Meta tali appell fil-kassazzjoni jintlaqa', id-deċiżjoni ġuridika inkwistjoni tiġi annullata mingħajr ma jkun hemm, madankollu, bidla fis-sitwazzjoni *inter partes*.

22 Il-Gvern Olandiż jindika li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli meta l-qorti tar-rinviju għandha l-obbligu li tiddeċiedi dwar appell fl-interess tal-liġi ppreżentat mill-Prokuratur Ġenerali, li tikkostitwixxi mezz ta' rikors intiż sabiex tiġi żgurata l-uniformità tad-dritt u tal-evoluzzjoni tiegħu fil-livell nazzjonali.

23 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, għalkemm l-Artikolu 267 TFUE ma jissuġġettax ir-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja għan-natura kontradittorja tal-proċedura li matulha l-qorti nazzjonali tifformula domanda preliminari, il-qrati nazzjonali għandhom is-setgħa li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja biss jekk tilwima hija pendenti quddiemhom u jekk dawn huma mitluba jiddeċiedu fil-kuntest ta' proċedura maħsuba sabiex twassal għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja (sentenzi tal-25 ta' Ġunju 2009, Roda Golf & Beach Resort, C-14/08, EU:C:2009:395, punti 33 u 34 kif ukoll tas-16 ta' Ġunju 2016, Pebros Servizi, C-511/14, EU:C:2016:448, punt 24).).

24 F'dan ir-rigward, huwa importanti biss, kif indika l-Avukat Ġenerali fil-punt 33 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-qorti tar-rinviju li titlob l-assistenza tal-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita funzjoni ġuridika u li tqis li teħtieġ interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha. Il-fatt li s-sitwazzjoni bejn il-partijiet fil-kawża li tat lok għat-talba għal deċiżjoni preliminari ma tistax tiġi iktar mibdula fit-tmiem ta' din ma għandux jaffettwa dawn il-kunsiderazzjonijiet, li jirrigwardaw in-natura tal-funzjonijiet eżerċitati mill-qorti tar-rinviju.

25 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, għalkemm il-kliem "jagħtu s-sentenza tagħhom", fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, jinkludu l-proċedura kollha li twassal għas-sentenza tal-qorti tar-rinviju, dawn il-kliem għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa', sabiex jiġi evitat li numru ta' kwistjonijiet proċedurali jiġu kkunsidrati bħala inammissibbli u ma jkunux jistgħu jingħataw interpretazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja u li din tal-aħħar ma tkunx tista' tieħu konjizzjoni tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti tar-rinviju hija obbligata tapplika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Fahnenbrock *et*, C-226/13, C-245/13, C-247/13 u C-578/13, EU:C:2015:383, punt 30, kif ukoll tas-16 ta' Ġunju 2016, Pebros Servizi, C-511/14, EU:C:2016:448, punt 28).

26 Minn dak li jippreċedi jirriżulta li, meta qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu appellati, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest ta' appell fil-kassazzjoni fl-interess tal-liġi, hija għandha l-obbligu li tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja minkejja l-fatt li s-sitwazzjoni *inter partes* ma tkunx ser tinbidel meta tingħata d-deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja.

27 Konsegwentement, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

Fuq id-domanda preliminari

28 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 90(1) tar-Regolament Nru 6/2002 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprovdi li l-qrati tal-Istati Membri li għandhom kompetenza sabiex jordnaw miżuri provviżorji jew kawtelatorji fir-rigward ta' disinn

nazzjonali huma wkoll kompetenti fir-rigward ta' disinni Komunitarji jew jekk l-Istati Membri humiex, totalment jew parzjalment, liberi li jagħtu kompetenza esklużiva f'dan ir-rigward biss lill-qrati nnominati bħala qrati tad-disinni Komunitarji.

29 L-Artikolu 90(1) tar-Regolament Nru 6/2002 jipprovdi li l-miżuri provviżorji u kawtelatorji previsti mil-liġi ta' Stat Membru fir-rigward ta' disinni nazzjonali jistgħu jintalbu, fir-rigward ta' disinn Komunitarju, lill-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż il-qrati tad-disinni Komunitarji ta' dan l-Istat, anki jekk abbażi ta' dan ir-regolament qorti tad-disinni Komunitarji ta' Stat Membru ieħor jkollha l-kompetenza sabiex tiddeċiedi fil-mertu.

30 Id-domanda tal-qorti tar-rinviju tirreferi b'mod partikolari għall-ewwel parti ta' din id-dispożizzjoni, jiġifieri d-determinazzjoni tal-qrati kompetenti fi ħdan kull Stat Membru sabiex jordnaw miżuri provviżorji u kawtelatorji fir-rigward ta' disinn Komunitarju.

31 Għandu jitfakkar li, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hemm lok li ma jittieħdux inkunsiderazzjoni biss kliemha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha hija tagħmel parti (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2016, Thomas Philipps, C-419/15, EU:C:2016:468, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 90(1) tar-Regolament Nru 6/2002 jirriżulta li individwu jista' jitlob li jiġu ordnati miżuri provviżorji u kawtelatorji fir-rigward ta' disinn Komunitarju mhux biss lill-qrati tad-disinni Komunitarji tal-Istat Membru, iżda wkoll lil kull qorti ta' dan l-Istat li hija kompetenti sabiex tadotta tali miżuri fir-rigward ta' disinni nazzjonali. F'dan ir-rigward, kif l-Avukat Ġenerali rreleva fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-użu tal-espressjoni "inklużi" jikkonferma li mhux bilfors trid tkun qorti speċjalizzata.

33 Din il-konstatazzjoni ma hijiex ikkontestata bl-użu tat-terminu "tista'" fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament Nru 6/2002. L-użu ta' dan it-terminu ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li jfisser li din id-dispożizzjoni tagħti lill-Istati Membri setgħa ta' evalwazzjoni rigward l-attribuzzjoni tal-kompetenza fil-qasam ta' miżuri provviżorji u kawtelatorji fir-rigward ta' disinn Komunitarju. Fil-fatt, kif irreleva l-Avukat Ġenerali fil-punt 66 tal-konklużjonijiet tiegħu, it-terminu "tista'" jirreferi biss għall-individwi li jridu jadixxu qorti sabiex din tiddeċiedi dwar miżura provviżorja jew kawtelatorja relatata ma' waħda mill-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 81 tar-Regolament Nru 6/2002.

34 Barra minn hekk, għalkemm il-Gvern Olandiż isostni li din id-dispożizzjoni ma tirregolax il-kompetenza interna tal-qrati fi ħdan Stat Membru, iżda li hija tippreċiża r-regoli ta' kompetenza internazzjonali fil-qasam tal-miżuri provviżorji u kawtelatorji, minn qari eżawrjenti tal-imsemmija dispożizzjoni jirriżulta li hija biss it-tieni parti tagħha, li ma hijiex suġġett, bħala tali, tad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, li tista' tingħata tali portata, li tibqa' mingħajr effett fuq il-kwistjoni tad-determinazzjoni tal-qrati kompetenti, fi ħdan kull Stat Membru, sabiex jordnaw miżuri provviżorji u kawtelatorji fir-rigward ta' disinn Komunitarju.

35 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jsostni dan il-gvern, il-konstatazzjoni li saret fil-punt 32 ta' din is-sentenza hija kkonfermata mill-kuntest li jaqa' fih l-Artikolu 90(1) tar-Regolament Nru 6/2002.

36 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li din id-dispożizzjoni tagħmel parti mit-Titolu IX ta' dan ir-regolament, intitolat, "Ġurisdizzjoni u l-proċedura legali fil-kawżi li jkollhom x'jaqsmu mad-disinji Komunitarji". B'mod iktar preċiż, din tinsab fit-Taqsima 2 ta' dan it-titolu, intitolat "Kontroversji li jinteressaw il-ksur tal-liġi u l-validità tad-disinji Komunitarji", li tinkludi l-Artikoli 80 sa 92 tal-imsemmi regolament.

37 Issa, mill-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 6/2002 jirriżulta li d-dispożizzjonijiet li jinsabu taħt din it-Taqsima 2 jinkludu regoli speċifiċi ta' kompetenza ġuridika fil-qasam ta' azzjonijiet minħabba kontrafazzjoni jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinni Komunitarji. Dawn ir-regoli speċifiċi

huma wkoll differenti mir-regoli ta' kompetenza tal-kawżi relatati mad-disinni Komunitarji differenti mill-azzjonijiet ta' kontrafazzjoni jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità, stabbiliti fit-Taqsima 3 tat-Titolu IX tal-imsemmi regolament.

38 Għaldaqstant, kuntrarjament, għal dak li jsostni l-Gvern Olandiż, il-miżuri provviżorji u kawtelatorji li jikkonċernaw disinn Komunitarju, imsemmija fl-Artikolu 90(1) tar-Regolament Nru 6/2002, minn naħa, huma relatati mal-azzjonijiet ta' kontrafazzjoni jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità stabbiliti fl-Artikolu 81 ta' dan ir-regolament u, min-naħa l-oħra, jistgħu jiġu ordnati mill-qrati ta' Stat Membru li huma kompetenti sabiex jadottaw tali miżuri fir-rigward ta' disinni nazzjonali.

39 F'dan ir-rigward, il-portata tal-Artikolu 90(1) tar-Regolament Nru 6/2002 ma tistax tkun differenti minn dik tad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Taqsima 2 tat-Titolu IX ta' dan ir-regolament, peress li, kif jenfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-imsemmi Artikolu 90(1), l-istess bħall-Artikoli 82 sa 89 tal-imsemmi regolament, jirreferi għall-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 81 tal-istess regolament.

40 Tali interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu 90(1), tirrispondi, barra minn hekk, għall-għanijiet intiżi mir-Regolament Nru 6/2002. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried, bl-istituzzjoni ta' qrati tad-disinni Komunitarji fi ħdan kull Stat Membru, jistabbilixxi speċjalizzazzjoni tal-qrati kompetenti fil-qasam tad-disinni Komunitarji sabiex, kif tindika l-premessa 28 ta' dan ir-regolament, tikkontribwixxi għal interpretazzjoni uniformi tal-kundizzjonijiet ta' validità ta' dawn tal-aħħar.

41 Madankollu, għalkemm l-intenzjoni li jintlaħaq l-għan ta' interpretazzjoni uniformi hija kompletament fondata fir-rigward tal-proċeduri ġudizzjarji li jirrigwardaw il-mertu ta' azzjonijiet dwar kontrafazzjoni jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità, il-leġiżlatur tal-Unjoni fakkar ukoll, fil-premessa 29 tar-Regolament Nru 6/2002, li l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija minn disinn għandu jiġi ggarantit b'mod effettiv fuq it-territorju kollu tal-Unjoni. Għaldaqstant, approfitta, fir-rigward tat-talbiet għal miżuri provviżorji u kawtelatorji fil-qasam tal-kontrafazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' invalidità, mill-vinkoli ta' viċinanza u ta' effettività fuq l-għan ta' speċjalizzazzjoni.

42 L-għoti tal-kompetenza għall-adozzjoni ta' tali miżuri lil kull qorti ta' Stat Membru kompetenti sabiex tadotta miżuri tal-istess natura fir-rigward ta' disinni nazzjonali hija għalhekk suxxettibbli li twaqqaf malajr u b'mod effettiv atti li jippreġudikaw id-drittijiet ta' proprjetarji ta' disinn Komunitarju.

43 Fil-fatt, l-effett ta' tali miżuri provviżorji u kawtelatorji huwa, min-natura tiegħu, illimitat *ratione temporis* u l-għoti tagħhom mill-qorti kompetenti fil-qasam ma tistax tippreġudika l-kwistjoni tal-azzjoni għal kontrafazzjoni jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità mibdija fil-mertu, li taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-qrati tad-disinni Komunitarji.

44 Minn dak kollu li jippreċedi jirriżulta li l-Artikolu 90(1) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi li l-qrati tal-Istati Membri kompetenti sabiex jordnaw miżuri provviżorji jew kawtelatorji fir-rigward ta' disinn nazzjonali huma wkoll kompetenti sabiex jordnaw tali miżuri fir-rigward ta' disinn Komunitarju.

Fuq l-ispejjeż

45 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 90(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi li l-qrati tal-Istati Membri kompetenti sabiex jordnaw miżuri provviżorji jew kawtelatorji fir-rigward ta' disinn nazzjonali huma wkoll kompetenti sabiex jordnaw tali miżuri fir-rigward ta' disinn Komunitarju.

Firem